## QORTI ĊIVILI
## PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 T'OTTUBRU 2021**

**Kawża Numru: 15**

**Rik. Ġur. 867/2018 RGM**

**Av Thomas Bugeja (562490M) kif debitament awtorizzat bħala mndatarju speċjali ta Ingmar Hoppner (ID Awstriaka L4VW4F6FX) ta' Laxenburger Strasse 216, 1230 Vienna, Austria u b'digriet tal-20 t'Awwissu 2019, il-kelma Awstriaka ġiet taqraTedeska**

**vs.**

**Everymatrix Ltd.**
**(C44411)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Av. Thomas Bugeja bħala mandatarju speċjali ta' Ingmar Hoppner** ippreżentat fit-28 t'Awissu, 2018 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-esponent huwa debitament awtorizzat jagħmel dan ir-rikors għan-nom u in rapprezentanza tas-sur Ingmar Hoppner (ID Awstriaka L4VW4F6FX) ta' Laxenburger Strasse 216, 1230 Vienna, Austria, u dan permezz ta' prokura specjali datata 27 ta' Awissu 2018;

2. Illi r-rikorrent nomine Ingmar Hoppner (ID L4VW4F6FX) ta' Laxenburger Strasse 216, 1230 Vienna, Austria kien fetah *account* fuq is-sit www.casinocruise.com fil-bidu tal-2016, liema sit dak iz zmien kien qieghed jigi gestit u operat mis-socjeta konvenuta Maltija, EveryMatrix Limited (C44411) kif espost fuq is-sit innifsu dak iz-zmien (annessa bhala **Dok IH 1**).

3. Illi s-sur Hoppner malajr sar VIP customer tas-sit www.casinocruise.com , peress illi kien gugatur regolari hafna li kien gemma depositi u rebh ta' madwar mitt elf euro (EUR 100,000) f'temp qasir.

4. Illi in vista ta dan is-Sur Hoppner kien spiss jinghata trattament specjali, rigali u bonuses specjali bhala parti mill-istrategija ta' *customer retention* illi dawn il-kumpanniji juzaw biex izommu l-klijentela taghhom.

5. Illi peress li s-Sur Hoppner kien hekk msejjah "high roller player" i.e. gugatur li jhobb jilghab l-loghob tal-azzard b'gugati gholjin hafna, fid-9 ta' April 2016 huwa kien ghamel ilment dwar il-fatt illi l-*bonuses* li huwa kien qieghed jinghata kellhom *maximum stake* ta hames euro (EUR 5) ghal kull loghba biss.

6. Illi t-terminu *stake* jew gugata hija definita fil-Kap 583 tal-Ligijiet ta' Malta bhala "*flus jew valur ta' flus li huma mqiegħda jew li għandhom jitqiegħdu sabiex ġugatur jipparteċipa f'logħba, kemm jekk dawk il-flus huma taħt riskju direttament skont ir-riżultat tal-logħba kemm jekk le*;

7. Illi in vista ta' din l-ilment il-VIP Host tas-socjeta' CasinoCruise, bl-isem Emma Olden ikkorrispondiet mar-rikorrent u qaltlu: "*As you are a valued player i am happy to inform you that all deposit or free bonuses which we give you are not limited with our 5 EUR max betting limit, you just have to wager*

*the amount 40 times without any limitation*.” (ara l-korrispondenza annessa bhala **Dok IH 2**).

8. Illi wara dina l-koncessjoni s-sur Hoppner baqa jittanta xortih fuq is-sit gestit mis-socjeta’ konvenuta sakemm f’Mejju tal-2016 huwa irnexxilu jirbah mija u ghoxrin elf u tlett mitt euro (EUR 120,300**)** permezz ta’ loghob li kien laghab bil-bonuses mill-bonuses moghtija lilu taht din il-koncessjoni.

9. Illi fit 18 ta’ Mejju 2018, r-rebh soppracitat gie kkonfiskat mis-socjeta’ u dan bl-iskuza illi allegatament huwa kien kiser il-limitu tal-gugata massima ta’ 5 EURO, liema limitu kien pero gie mnehhi precedentement mill-VIP Host tas-socjeta.

10. Illi s s-socjeta konvenuta tennet, illi konvenjentement hija ma kelliex *record* tal-email li biha kien tnehha l-limitu tal-gugati. (vide r-risposta tas-socjeta annessa bhala **DOK IH 3 u DOK IH 4**)

11. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, ittra legali (annessa bhala **Dok IH 5**) u ittra ufficjali (annessa bhala **Dok IH 6**) s-socjeta konvenuta baqghet indampjenti.

12. Illi r-rikorrent jaf b’dawn il-fatti personalment;

13. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

**Ghaldaqstant l-esponent, bir-rispett, jitlob lil dina l- Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna joghgobha:**

**1. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tar-rikorrent nomine fl-ammont ta mija u ghoxrin elf u tlett mitt euro (EUR 120,300) raprezentanti rebh ta’ mhatri mas-socjeta intimata;**

**2. Tikkundanna u tordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent noe s-somma ta ta mija u ghoxrin elf u tlett mitt euro (EUR 120,300)**

**Bl-imghax u bl-ispejjez a karigu tas-socjeta intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni**

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Dr Claudia Cassar għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà`konvenuta EveryMatix Ltd** fejn jingħad kif ġej:

1. Illi, din ir-risposta qed issir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat nhar id-29 ta' Awissu 2018 wara r-rikors tar-rikorrent ta' t-28 ta' Awissu 2018;

2. Illi s-soċjeta konvenuta hija żviluppatur ta' software illi tbiegħ lil terzi partijiet sabiex jkollom is-sistemi neċessarji għal sit elettroniku illi jintuza għall-iskop ta' *online gaming* u in oltre, s-soċjeta konvenuta tissuplixxi lil klijenti tagħha b'liċenzja maħruga mill-Malta Gaming Authority ('MGA') sabiex jkunu jistghu jopperaw b'mod konformi mal-liġi u liema kunċett jsejħulu *'White labeling';*

3. Illi s-sit elettroniku senjatament www.casinocruise.com mertu ta' din il-kawza, dak iż-żmien kif intqal fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti kien operat taħt il-liċenzja tas-soċjeta konvenuta fuq kuntratt ta' *'White Label'* u għalhekk kien hemm terza kumpanija involuta fl-operat ta' din is-sit elettroniku cioe 'Geneis Global Ltd' kumpanija reġistratta taħt il-liġijiet ta' Malta bin-numru C-65325. Fil-fatt is-sit elettroniku fid-data tal-illum hija liċenzjata u operata mil-kumpanija imsemmija hawn fuq cioe 'Genesis Global Ltd' kif indikat fuq is-sit elettroniku fid-data tal-lum (Vide Doc EM1);

4. Illi s-soċjeta Genesis Global dak iz-zmien kienet *white label partner* tas-soċjeta konvenuta u din it-terza kumpanija kien jkollha kuntatt dirett mal-*players* reġistrati ma dik is-sit skond il-kuntratt bejn il-partijiet. Fil-fatt, l-irwol tas-soċjeta konvenuta fis-sit elettroniku mertu ta' din il-kawza kien ta' provista ta' software, provista ta' liċenzja tal-MGA taħt *white label* u monitoraġġ tas-

sit elettroniku sabiex tkun konformi mal-liġi ta' Malta. Għalhekk ma kien hemm ebda kuntatt dirett bejn ir-rikorrenti Ingmar Hoppner u s-soċjeta konvenuta rigward il-kampanja promozzjonali u l-*VIP* bonuses mertu ta' din il-kawza;

5. Illi t-termini u kundizzjonijiet tas-sit elettroniku approvati mill-MGA li aċċetta r-rikorrent kienu ppreparati mis-soċjeta konvenuta peress illi dak iz-zmien is-sit kienet topera taħt liċenzja tas-soċjeta konvenuta u għalhekk huwa minnhu li t-termini u kundizzjonijiet kellhom *maximum stake limit* ta' EUR 5 per *spin*;

6. Illi effetivament ir-rikorrenti qabez dan il-*maximum stake limit* u dan il-fatt mhuwiex ikkontestat mir-rikorrent u lanqas mis-soċjeta konvenuta. Illi abbazi ta' dan il-fatt, t-terza kumpanija cioe Genesis Global nnotifikat lis-soċjeta konvenuta illi kien hemm *player* in partikolari li rebaħ ammont kbir pero kien hemm ksur tat-termini u kundizzjonijiet cioe r-rikorrent ma osservax ir-regola tal-EUR 5 per *spin.* Sussegwentement, is-soċjeta konvenuta għamlet investigazzjoni abbażi tan-notifika u ikkonkludiet oġġettivament illi kien hemm ksur tat-termini u kundizzjonijiet u għalhekk l-ammont ta' flus rapprezentanti tar-rebħ tieghu ġew konfiskati minħabba dan il-fatt;

7. Illi r-rikorrent jallega illi kien hemm *email* inidirizzata lilu fejn hemm miktub illi l-*max bet* ta' EUR 5 ma kienetx tapplika għalih. Ai fini ta' kjarezza s-soċjeta konvenuta ma tkunx involuta f'din il-kommunikazzjoni mal-*player* peress li skond il-kuntratt bejn is-soċjeta konvenuta u Genesi Global dan kien obbligu tal-kumpanija terza cioe Genesis Global u għalhekk kwalunkwe korrispondenza mal-*player* saret minn naħa ta' Genesis Global;

8. Illi di piu, r-rikorrenti fetaħ ilment ukoll mal-MGA u peress li s-sit eletroniku kien operat taħt il-liċenzja tas-soċjeta konvenuta, l-obbligu li tirrispondi kien da parti tal-istess soċjeta konvenuta. Dan l-ilment kien magħluq fit- 3 ta' Awissu 2016 minn naħa tal-MGA mingħajr ma tagħti raġun lil *player* pero ai fini ta' kjarezza ma kienx hemm ir-raġunjiet għalfejn dan il-

każ ġie magħluq. Kopja tal-korrispondenza mal-MGA qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Doc EM2'.

9. Illi Genesis Global ċahdet kategorikament illi din l-email intbagħtet mis-sistemi tagħha u għalhek Genesis Global allegaw illi din l-email li ġiet anessa mar-rikors ġuramentat bħala Dok IH2 hija bil-fors iffalsifikata u hija impossibli li s-sinjura Emma Olden qalet hekk kif inhu jallega r-rikorrenti;

10. Illi mill-*live chats* pprovduti minn Genesis Global li qieghdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Doc EM3 jidher b'mod ċar illi r-rikorrent kien qiegħed fi stat ta' urġenza u seta faċilment jirrikorri għal email iffalsifikata sabiex jipprova t-talba tiegħu. Fil-fatt l-istess rikorrent fil-*live chat* qal is-segwenti:

*Listen. I am royal VIP and i agreed long time ago, when i started my VIP service that the bonus of 5 Euro is not counting for me. Last week i won 125.000 Euro and it was canceleld. Since that Michael offered me to give me 1000 € cash for 14 days. I would like to find a solution for that issue.* ***<u>I took money from my company account and i really run into big trouble now.</u>*** *(vide paġna 35 ta' Doc EM3)*

....

*howwever,* ***<u>I need 25.000 € to survive. And i need it fast. What can we do?</u>*** *(vide paġna 36 ta' Doc EM3)*

11. Illi s-soċjeta konvenuta ma tistax tikkonferma l-allegazzjoni ta' Genesis Global cioe li l-email kienet iffalsifikata peress illi l-exchange server tal-Microsoft u s-sistemi ta' Salesforce.com, Inc. jappartjeni lill-Genesis Global u għalhekk is-soċjeta konvenuta hija limitata fl-investigazzjoni illi tista' tagħmel rigward l-email li ġiet allegatament iffalsifikata;

12. Illi għalhekk u dejjem fl-interess tal-ġustizzja jkun għaqli sabiex jkun hemm konfermazzjoni oġġettiva minn rapprezentanti uffiċjali ta' Microsoft u/jew ta' Salesforce.com, Inc fejn huma jistghu jikkonfermaw b'mod oġġettiv

jekk din l-email verament intbagħtet minn rappreżentanti ta' Genesis Global jew le;

13. Illi abbazi tax-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-Microsoft u/jew Salesforce.com, Inc. ma jkunx hemm ebda dubbju jekk din l-email intbaghtet jew le u għalhekk dina l-Onorrabli Qorti tista tistrieħ fuq xhieda imparzjali u oġġettiva ta' Microsoft u/jew Salesforce.com Inc. Illi għalhekk jekk rappreżentant tal-Microsoft jew Salesforce.com Inc jikkonferma l-allegazzjoni ta' Genesis Global, m'hemm ebda dubbju illi l-konfiskazzjoni tar-rebħ saret skond il-liġi;

14. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, email qatt m'għandha titqies bħala rabta kuntratwali peress illi din ir-rabta hija regolata mit-termini u kundizzjonijiet hekk kif aċċettati mir-rikorrent u li għandhom bil-fors jiġu aċċetati biex player jkun reġistrat. Fil-fatt ir-rikorrent fil-*live chat* ma Genesis Global jgħid hu stess illi email mhijiex rabta kuntratwali u għalhekk hu kien konxju ta' dan il-fatt anke li kieku din l-email kienet verament intbagħtet. Kopja tal-*live chat logs* qieghdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok EM4. Ir-rikorrent jgħid b'mod ċar f'pagna 34-35 tal-istess Dok EM3 illi:
*'I have nothing in written form just emails and chat and phonecalls, nothing with a signature or stamp on it* ***so I am aware that juridically you can come out of this.'***

15. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost, is-soċjetá konvenuta titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad *in toto* it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet;

Rat in-nota konġunta tal-partijiet tas-27 ta' Diċembru 2018 li permezz tagħha l-Qorti ġiet informata li l-partijiet qablu li l-espert li għandu jiġi nominat sabiex issir verifika tal-veraċità o meno tal-korrispondenza elettronika li tinstab f'paġna 8 tal-proċess għandu jkun rappreżentant tad-ditta 'Salesforce';

Rat illi l-partijiet ma komplewx isegwu t-talba tagħhom għan-nomina ta' espert;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fil-5 ta' Jannar 2021[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fit-3 ta' Marzu 2021[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2021;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

Is-soċjetà konvenuta Everymatrix Ltd hija żviluppatur ta' *software* illi tbiegħ lil terzi sabiex ikollhom is-sistemi neċessarji għal sit elettroniku illi jintuża għal skopijiet ta' *online gaming* u tissupplixxi lill-klijenti tagħha b'liċenzja appożita sabiex ikunu jistgħu joperaw b'mod konformi mal-liġi. Dan il-kunċett jissejjaħ *White Labelling.*

Fil-bidu tas-sena 2016 l-attur Ingmar Hoppner fetaħ kont fuq is-sit elettroniku www.casinocruise.com liema sit dak iż-żmien kien jiġi ġestit u operat mis-soċjetà konvenuta EveryMatrix Ltd. Peress li l-attur kien ġugatur regolari kien

[1] Paġna 169 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 184 et seq tal-proċess.

ġie meqjus bħala *VIP customer* tant li anke ta' spiss kien jingħata trattament speċjali, rigali u bonus speċjali.

Fid-9 t'April 2016, l-attur Hoppner għamel ilment mas-soċjetà konvenuta dwar il-fatt li l-massimu ta' bonus li kien jingħata kien ta' ħames ewro (€5) biss għal kull logħba. Fl-10 t'April 2016, ġie allegatament informat minn Emma Olden għan-nom tas-soċjetà konvenuta li peress li huwa *"a valued player I am happy to inform you that all deposit or free bonuses which we give you are not Limited with our 5 EUR max betting limit, you just have to wager the amount 40 times without any limitation."*[3] Wara li rċieva din il-korrispondenza b'din il-konċessjoni, Hoppner baqa' jittanta xortih fuq is-sit suindikat sakemm f'Mejju 2016 huwa rebaħ mija u għoxrin elf u tlett mitt ewro (€120,300) permezz ta' logħob li kien lagħab bil-bonus mogħti lilu taħt il-konċessjoni.

Ġara iżda li fit-18 ta' Mejju 2016 dan ir-rebħ ġie kkonfiskat mis-soċjetà konvenuta fuq il-pretest li l-attur kiser it-termini u kundizzjonijiet waqt il-logħob[4].

Wara li fil-25 ta' Mejju 2016 l-attur bagħat korrispondenza elettronika jitlob li jingħata dak li kien rebaħ, Emma Olden irrispondiet li l-flus konfiskati m'humiex ser jingħataw lura u wkoll li huma m'għandhom l-ebda korrispondenza li tgħid li ma kienx marbut bil-limitu ta' €5.

Mill-atti jidher li l-attur interpella lis-soċjetà konvenuta diversi drabi permezz ta' ittra legali datata 21 ta' Frar 2018 u ittra uffiċċjali datata 23 t'April 2018 iżda s-soċjetà konvenuta żammet il-posizzjoni tagħha.

Is-soċjetà konvenuta tispjega li s-soċjetà li kienet topera s-sit elettroniku su-indikat kienet is-soċjetà Genesis Global Ltd li kienet kumpanija reġistrata Malta u dan għaliex l-irwol tas-soċjetà konvenuta, skont l-istess soċjetà, huwa

---

[3] Paġna 8 tal-proċess.
[4] Paġna 9 tal-proċess.

ta provvista ta' *software*, provvista ta' liċenzja tal-Malta Gaming Authority (MGA) taħt *White label* u monitoraġġ tas-sit elettroniku u għalhekk huma ma kellhom l-ebda kuntatt dirett ma' l-attur. Is-soċjeta' konvenuta issostni li ma kellha l-ebda kuntratt ma' l-attur u li l-kuntratt ma kienx magħha iżda mas-soċjetà Genesis Global.

Is-soċjetà konvenuta tammetti li t-termini u kundizzjonijiet tas-sit elettroniku approvati mill-awtorità konċernata kienu ppreparati minnha u dan peress li dak iż-żmien is-sit kien jopera taħt liċenzja tagħha. Is-soċjetà konvenuta tgħid li skont Genesis Global il-korrispondenza elettronika tal-10 t'April 2016 ta' Emma Older huwa iffalsifikat.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-**attur** xehed permezz t'affidavit. Jgħid li huwa għandu negozju ta' manutenzjoni u installazzjoni ta' *air condition units* ġewwa Vienna, u wara numru ta' snin jissellef, huwa għandu ħafna djun u dan kawża tal-problema tal-logħob li jsofri minnha, tant li kellu jibda proċeduri sabiex jiddikjara li n-negozju tiegħu falla.

Jispjega li huwa ġie introdott għas-sit casinocruise.com fid-29 ta' Marzu 2016 u dak inhar stess huwa fetaħ kont magħhom u ssieħeb mal-VIP. Jgħid li eventwalment huwa ddepożita ħafna flus li sussegwentement proprju fl-1 ta' Mejju 2016 ġie promoss għas-sħubija magħrufa bħala 'royal suite VIP Member'. Kien hawnekk fejn huwa ġie introdott ma' Michael Schrieber u Emma Olden. Jgħid li dawn kienu tawh numru ta' rigali fosthom ipod kif ukoll arloġġ, li huwa aċċetta.

Jgħid li Scrieber u Olden spjegawlu l-*bonuses* differenti li hemm u l-kundizzjonijiet speċjali mogħtija lil min hu msieħeb mal-VIP. Jgħid ukoll li dawn żiedu numru ta' *bonuses* fil-kont tiegħu bejn id-9 t'April 2016 u 17 ta' Mejju 2016. Ikompli jgħid hekk:

“*as a part of my VIP membership I had been offered a special promotion with certain terms and conditions that I could negotiate with Casino VIP customer support. These were sent to me in various emails and included certain bonuses such as cash-back on losses from the previous week that was "wager free" and without "max bet limitation", surprise bonuses for example once I received an email that €1000 was deposited into my account by Emma Olden to keep me happy after substantial real money loss. All the above mentioned offers were not available for regular casino clients and they were not listed on their website."*[5]

Jispjega li huwa kien iddepożita u tilef bejn €80,000 u €100,000 u dan qabel ma rnexxielu jirbaħ €120,300.

L-attur jgħid li fid-9 t'April 2016 huwa lmenta ma' Emma Olden li ma kienx jagħmel sens li jagħmel 40,000 *spin* b'ħames ewro u kien għalhekk li talabha tbiddel din ir-restrizzjoni. Jgħid li l-għada irrispondietu u qaltlu li l-limitu ma kienx japplika għalih.[6]

Sabiex jilqa' għall-allegazzjoni tas-soċjeta' li din il-korrispondenza hija falza huwa ppreżenta mal-affidavit tiegħu *screenshot* kemm tal-korrispondenza elettronika kif ukoll tal-*inbox* biex juri li verament huwa rċieva dik il-korrispondenza. Ippreżenta wkoll CD b'*file* li fiha l-istess korrispondenza, flimkien mal-*source code* u l-korrispondenza elettronika kollha "*on an Excel sheet which I obtained following a data subject access request filed with Everymatrix in terms of my right under the GDPR whereby the specific email can be found between rows 12884 and 12901*."[7]

Jispjega l-attur li wara li ingħata din il-konċessjoni fuq imsemmija huwa rnexxielu jirbaħ ammont konsiderevoli u ried jiġbed dawn il-flus

[5] Paġni 80 - 81 tal-proċess.
[6] Ir-risposta eżatta mibgħuta minn Emma Olden kien hekk: "*As you are a valued player I am happy to inform you that all deposit or free bonuses which we give you are not limited with our 5 EUR max betting limit, you just have to wager the amount 40 times without any limitations.*"
[7] Paġna 81 tal-proċess.

immedjatament. Jgħid li Emma Olden ma kinitx tista' tassistih u kien għalhekk li fis-17 ta' Mejju 2016 bagħtilha email dwar ir-rebħa tiegħu. Jgħid li matul il-lejl huwa kompla jilgħab u rnexxielu jirbaħ ħafna aktar u dejjem għamel talba sabiex dan jiġbidhom. It-total ta' rebħ kien fis-somma ta' €120,300. Olden baqgħet ma rrispondietux u kien għalhekk li kkuntatja lil Michael Schrieber li skont ix-xhud, dan kien awguralu fuq it-telefon. Jgħid li wara dan, huwa rċieva email mingħand casinocruise.com fejn ġie nformat li huwa vjola t-termini u kundizzjonijiet tal-*bonuses* speċifikament il-limitu tal-€5.

Jispjega li dak inhar stess, ċioe fit-18 ta' Mejju 2016, huwa bagħat email lid-dipartiment tal-VIP u Olden irrispondietu lura fil-25 ta' Mejju 2016 fejn qaltlu li l-flus konfiskati mhux ser jingħatawlu lura u li ma tistax issib l-email li l-attur xhed li irċeva mingħandha. Jgħid li huwa baqa' jiġri warajhom sabiex jagħmlulu l-pagament u jgħid li huwa ġie informat li t-talba tiegħu għaddiet għand il-*management*. Jgħid li minn korrispondenza li għaddiet bejn Olden u Gutnik, liema korrispondenza huwa kiseb bis-saħħa tal-Artikolu 15 tal-GDPR, huwa sar jaf li kull ma' Gutnik kien qalet lil Olden huwa "*answer him something nice and short*".

Sussegwentment il-kont tiegħu ġie magħluq b'referenza għal *Responsible Gaming Policy* u dan wara li huwa informahom li għandu problema t'azzard u mhux meta huwa kien qiegħed jiddepożita ammonti sostanzjali ta' flus kuljum.

Is-soċjetà konvenuta resqet numru t'affidavits.

**Alexandu-Alin Bidescu,** impjegat għal aktar minn ħames snin mal-grupp ta' kumpaniji li EveryMatrix tifforma parti minnhom, xhed li Ingmar Hoppner issieħeb ma' casinocruise fit-28 ta' Marzu 2016.

Xhed li l-attività ta' Hoppner kienet tikser it-termini u kundizzjonijiet u dan peress li kien abbuża mill-*offered promotion* meta lagħab aktar mil-limitu ta' €5. Jgħid li din ġiet rapportata minn David Caro fid-19 ta' Lulju 2016. Jgħid li l-promozzjoni ingħatat fis-17 ta' Mejju 2016 fejn kien hemm imħatri li

jammontaw għal €150 u €60 fejn dawn jikkonfermaw li kien hemm abbuż. Ix-xhud jgħid li l-aġent ta' EveryMatrix ikkonfiska €117,304.50.

In kontro-eżami x-xhud spjega li huwa ġie involut fil-każ ta' Hoppner meta saret talba għall-investigazzjoni minn David Caro. L-investigazzjoni bdiet wara li kien hemm talba għal *cashout* u ċioe meta Hoppner għamel talba sabiex jiġbed il-fondi li huwa rebaħ. Ix-xhud jgħid li qabel kull *withdrawal* tiġi approvata, issir investigazzjoni minn tim dwar possibilità ta' ħasil ta' flus, frodi u kwalunkwe abbuż ieħor. Ix-xhieda tkompli hekk:

"*Asked to explain what is the policy of exerymatrix to store information exchanged with our business partners, I answer that the communication line is the following – Everymatrix provides second line support to the white label partner. As for information held between the white label company and the player we have a system where the white label company is obliged to provide us with the player communication in terms of incidents only. So on a monthly basis, the white label partner provides customer logs in terms of incidents such as limits changes exclusion cases. As for correspondence this is provided only if there is request by Everymatrix in which case the white label partner is obliged to provide this information at any time.*

*Asked if this request was made in this case of Mr Hoppner, I reply that the investigation which was done in this case did not show any communication which was done between the player and Casino Cruise. Asked if this was also the case after the incident, I reply that the investigation took place from the game perspective and bonus promotion. Asked if after the incident, we requested any communication which may have been taken place between the player and Casino Cruise I reply that we were not aware of this.*"[8]

Ix-xhud ikkonferma li kwalunkwe korrispondenza li tgħaddi bejn il-ġugatur u l-operatur ma tgħaddix mis-soċjetà konvenuta u għalhekk ma setgħux iżommu dik il-kommunikazzjoni. Ix-xhud spjega hekk: "*asked whether sublicenses*

[8] Paġna 164 tal-proċess.

*such as casino cruise were able to act freely in terms of promotions and bonuses or whether these were imposed or regulated by Everymatrix itself I reply that all the bonus campaigns are done by the white label partner – this is their main job and they do not have any limitations imposed by Everymatrix because this involves bonus money which are not the player's money but a prize given to the player as soon as he follows the terms and conditions. We do not impose limitations on the white label company and we do not forbid the white label partner from making any such campaign unless they breach license regulations. The white label companies can discuss directly with the player and its their duty to run acquisition and retention activities among their player database."*[9] Meta ġie mistoqsi jekk rax xi arranġamenti li saru bejn Hoppner u casino cruise, ix-xhud qal li hu ma kienx il-persuna li għamel l-investigazzjoni li analizza l-imħatri u l-limiti u ma daħalx fil-kwistjoni ta' arranġamenti li setgħu saru.

In ri-eżami ix-xhud ikkonferma li t-termini u kundizzjonijiet jiġu approvati minn Everymatrix u dawn ma jistgħux jinbidlu mingħajr l-approvazzjoni tal-imsemmija soċjetà inkluż it-termini u kundizzjonijiet rigwardanti *bonuses*.

Is-soċjeta' konvenuta reqet wkoll l-affidavit ta' **Yaniv Komemi**, li kien Head of Support ta' casinocruise fiż-żmien mertu ta' din il-kawża. Jgħid li Hoppner kien qiegħed jilgħab fuq bażi ta' *cash back deals* fejn kien qiegħed jirċievi bonuses fuq bażi regolari mingħajr kondizzjonijiet speċjali. Ġara li f'punt minnhom Hoppner talab li ma jkunx hemm kundizzjoni ta' limitu imposta fuqu fuq il-*cash back deal* u ċioe ma jkunx hemm il-massimu ta' €5 u ma jkunx hemm limitu ta' €2,000 fuq il-*cash back* ta' kull ġimgħa. Jispjega li casino cruise qablet li tati li Hoppner "*a weekly cash back deal with no requirement to wager the amount to withdraw the bonus amount. However, there was a wagering requirement of EUR 5 per spin of which the Player was informed about.*"[10] Ix-xhud jispjega li *weekly cash back* tirreferri għal persentaġġ ta'

[9] Paġni 164 – 165 tal-proċess.
[10] Paġna 109 tal-proċess.

*cash* li l-każino jagħti lura lill-ġugatur fuq bażi ta' kull ġimgħa, liema somma hija kalkulata fuq is-somma mitlufa f'dik il-ġimgħa.

Jgħid li ġeneralment din hija ta' 10% imma tista' tkun aktar jiddependi fuq il-livell tal-ġugatur. Jgħid li d-dettalji ta' dan il-ftehim ġew notifikati lil Hoppner li irċeviehom u qabel magħhom. Jispjega li f'dan il-każ il-*cash back* kienet kull nhar ta' Tnejn. Ix-xhud spjega li l-bonus kien NYX bonus. Jgħid ukoll li Hoppner kien jirċievi bonuses bara l-*cash back* li jkun bonuses "*with wager conditions*". Ix-xhud jgħid li l-korrispondenza ġiet dokumentata kif xieraq fis-sistema u li l-ġugatur baqa' jsegwi l-kundizzjonijiet tal-logħob u dan sakemm għamel rebħa kbira.

Xhed li l-attur għamel ilment u ppreżenta numru ta' emails li allegatament intbagħtu lilu, iżda ddikjara li ma hemm l-ebda rekord fuq is-servers ta' casinocruise ta' dawn l-emails.

Ix-xhud għadda sabiex ippreżenta *screenshot* mis-sistema li turi l-mument li casinocruise qablet ma' Hoppner fuq il-*weekly cash back with no wager* bħala NYX bonus b'imħatra waħda. Dan l-ammont jista' jinġibed mingħajr il-ħtieġa li tagħmel aktar imħatri tal-ammont. Wara li jagħmel referenza għal uħud mill-korrispondenza elettronika li ġiet trasmessa bejn casinocruise u Hoppner, ix-xhud jgħid li minn dawn jidher li Hoppner kien b'mod kontinwu beda jitlob għall-bonuses u filwaqt li dawn bdew jingħataw dejjem jispjegawlu li dawn huma marbuta mat-termini u kundizzjonijiet tal-Casino.

Ix-xhud jinnega li Hoppner ingħata l-possibilità li jilgħab mingħajr limiti u mingħajr kundizzjonijiet. Jinsisti li għalkemm huma talbu lil Hoppner jibgħatilhom l-oriġinal tal-email li qiegħed jistrieħ fuqha, huwa baqa' qatt ma bagħtulhom apparti li (a) wieħed mill-emails qatt ma wasal għand casinocruise Microsoft Exchange server u għalhekk ma setax ikun hemm risposta għalih u (b) jinduna wkoll li hemm xi dettalji neqsin fl-i*screenshot,* u (ċ) l-email allegatament intbagħat minn *email address* partikolari (info@lueftungs-technik.at) filwaqt li l-allegata risposta intbgħatet minn *email address* ieħor

(info @artcool.at). Ix-xhud jinsisti li ġaladarba l-email qatt ma wasal fis-servers ta' Microsoft ma jistax ikun li jkun hemm risposta għaliha.

In kontro-eżami ġie mistoqsi x'kien l-involviment tiegħu mas-soċjetà konvenuta u huwa spjega li huwa kien jaħdem ma' Genesis dak iż-żmien, liema kienet operatur fuq il-pjattaforma ta' Everymatrix. Jispjega li Hoppner kien ingħata żewġ tipi ta' bonuses dak magħrufa bħala *cash back no wager* kif ukoll bonuses oħra b'imħatri. Jgħid li ma jiftakarx jekk kienx ikun hemm varjazzjoni f'dawn il-*bonuses*. Jikkonferma li m'għadux jaħdem ma' Genesis.

Ix-xhud jikkonferma li kemm in-*no wagers* kif ukoll il-*wagers* kellhom massimu ta' €5 bħala limitu. Ix-xhud spjega li t-termini u kundizzjonijiet kienu disponibbli għal ġugaturi fuq is-sit elettroniku kif ukoll via *emails*. Jikkonferma wkoll li kienet *policy* tal-kumpanija li tintbagħat email dwar il-limiti ta' mħatri u l-impjegati kienu mogħtija struzzjonijiet dwar dan.

Għalkemm jgħid li ma jiftakarx jekk il-ġugatur kienx jirċievi email kull darba li jirċievi bonus, ix-xhud jgħid li kull darba li ġugatur jibda jilgħab bil-bonus, il-ġugatur jiġi informat diversi drabi dwar il-kundizzjonijiet tal-imħatri.

Jgħid li safejn jaf hu qatt ma ingħata konċessjoni fejn jitneħħa l-limitu tal-€5. Meta ġie mistoqsi "*what no max-bet limit means it was referring to the cashback in the sense that if he placed the wager he would have been able to withdraw his cash. As far as I remember, the breach was done on a regular bonus*."

Ix-xhud jispjega li s-sistema ma twaqqafx lill-ġugatur milli jagħmel imħatra ta' aktar minn €5 meta jkunu qegħdin jagħmlu użu mill-bonus. Jikkonferma li s-sistema ma kinitx twaqqaf lill-ġugatur milli jikser kundizzjoni. Ix-xhud ikkonferma li r-rebħ jiġu konfiskati jekk ikun hemm ksur tal-limitazzjonijiet. Għalkemm ix-xhud ma kienx f'pożizzjoni jgħid jekk is-sistema kinitx tagħti l-flus lura meta l-ġugatur jitlef il-flus meta jkun lagħab aktar milli limitu, ix-

xhud jgħid li "*the rule did not apply only if one won*".[11] Ix-xhud spjega li meta jkun hemm talba għal *withdrawal* ta' flus li ġew mirbuħa, issir verifika manwali u jekk jirriżulta li r-rebħa saret għaliex ġew miksruha l-kundizzjonijiet, bħal ma ġar b'Hoppner, il-ġugatur jiġi nformat.

Meta ġie mistoqsi "*if the company checked about losses generated through gameplay which would have been in breach of the wagering requirements, I reply that the company would not have checked the gameplay because this was not the players' money anyway*." Meta ġie mistoqsi jekk l-aġenti tal-ġugaturi meqjusa VIP setgħux ineħħu l-limiti, ix-xhud jgħid li le ma setgħux. It-traskrizzjoni tkompli hekk:

"*Asked about an email from this Michael Schreiber dated 20 May 2016 typed in German which loosely translated in being indicated to me as having said that the bonus one could get on a deposit allowed one to bet €50 instead of €5, and asked to explain this discrepancy I explain that an agent cannot access the system and change the configuration. Such a bonus was issued but configured specifically for the player. Maybe this was issued for the specific player.*

*The case happened around April. What is being presented i after and it might be the case that a specific bonus may have been created in order for him to play a higher bet. We do not change the bonus policy. I assume that there was probably a negotiation with the player and it was created specifically for him to place higher bets*."[12]

Meta ġie mistoqsi jispjega kif Hoppner għandu l-email tad-9 ta' April 2016 u tal-10 t'April su-indikati meta dan ġab l-informazzjoni wara li għamel talba (*data subject access request*) lil Everymatrix għal emails, ix-xhud jgħid li ma jistax ikun il-każ.

[11] Paġna 159 tal-proċess.
[12] Paġna 160 tal-proċess.

B'affidavit xehdet ukoll **Marthe Holliger** fejn ikkonfermat li fiż-żmien in kwistjoni hija kienet taħdem ma' casinocruise bħala VIP Account Manager. L-isem li kienet tuża waqt li kienet tagħmel dak ix-xogħol kien ta' Emma Olden u dan kienet tagħmlu għas-sigurtà tagħha. Tispjega li r-restrizzjonijiet fuq it-termini u kundizzjonijiet ma jistgħux jinbidlu u dan għaliex "*we were not allowed by the license holder and the Company to arbitrarily changes these Terms & Conditions"*[13]. Xhedet li hija qatt ma bagħtet xi korrispondenza lil Hoppner li biha tikkontradixxi t-termini u kundizzjonijiet tal-kumpanija rigwardanti l-limitu tal-bonus. Tinsisti li Hoppner kien informat bir-restrizzjonijiet tal-logħob liema huwa kiser u kien għalhekk li ġew ikkonfiskati r-rebħiet tiegħu.

In kontro-eżami tikkonferma li hija m'għadhiex taħdem mal-kumpanija casinocruise u waqfet fis-sena 2017. Tispjega li l-komunikazzjoni mal-konsumatur ġeneralment kienu online chats, emails jew xi kultant telefonati. Tikkonferma li c-chats kienu jsiru fuq il-platform magħruf bħala Salesforce. Meta ġiet mistoqsija jekk qattx użat Outlook, ix-xhud tgħid li ma tiftakarx, lanqas ma tiftakar għodod oħra li kienet tuża f'xogħolha. Tgħid li s-*supervisor* tagħha kien Yaniv Komemi. Tikkonferma li taf lil Tina Gutnik iżda ma tiftakarx jekk kinitx ukoll *supervisor*. Tgħid li l-isem Emma Olden kienet tużah hi u tgħid li safejn taf hi kienet l-unika waħda li tuża dak l-isem. Tikkonferma li fix-xogħol tagħha mal-kumpanija hija kienet toffri rigali u bonuses, tgħid li dawn però jingħataw skont it-termini u kundizzjonijiet. Meta ġiet mistoqsija jekk it-termini u kundizzjonijiet kinux privati, ix-xhud tgħid li safejn tiftakar hi, dawn kienu jinstabu fuq is-sit elettroniku però dwar ir-rigali kienu jikkonsultaw mal-*general manager*.

Tgħid li ma tiftakarx it-taqsima eżatt fit-termini u kundizzjonijiet li kien jittratta l-bonus. Dwar dak li kitbet fil-korrispondenza tagħha tal-25 ta' Mejju 2016 li huma kellhom rikordju tal-email, chats u telefonati kollha, ix-xhud tgħid li kien hemm mod kif jiġu ssevjati iżda din kienet isir mal-*webmaster* jew ma' xi ħadd li jaf eżatt kif issir. Meta ġiet mistoqsija għalfejn fl-email

[13] Paġna 132 tal-proċess.

waqfu jinformawh bil-limiti, hija spjegat li dan probabbilment sar biex ma jibqgħux jirrepetu l-affarijiet lill-ġugaturi regolari u allura assumew li kienu qalulu qabel. Meta ġiet mistoqsija dwar korrispondenza mibgħuta minn Hoppner sabiex ineħħulu l-limitu tal-€5, ix-xhud tgħid li hija ma tiftakarx b'dak l-email. Meta ġiet mistoqsija dwar ir-risposta allegatament mibgħuta minnha x-xhud tgħid li hija ma bagħtitx dawk it-tip ta' *emails*. Tgħid ukoll li huma qatt ma kienu jneħħu l-limiti fuq l-imħatri. Ix-xhud ġiet mistoqsija tispjega email mibgħuta minnha fid-9 t'April 2016, email ippreżentata mis-soċjetà konvenuta, li kienet taqra hekk: *"I am happy to inform you that I will be happy to offer you a real Money cash back (no wager no max bet limit)*", ix-xhud tgħid li ma tiftakarx li bagħtet dik l-email.

Waqt ir-ri-eżami x-xhud tikkjarifika li *cash back* u €5 kull dawra huma offerti differenti u m'humiex l-istess. Tikkonferma li *bonuses* għandhom restrizzjoni. Il-€5 kull dawra hija bonus.

Permezz t'affidavit xehed **Gil Prihar**, fejn spejga li l-irwol tiegħu huwa ta external IT Manager għal Genesis Global Limited u kien ilu jagħmel dak ix-xogħol għall-imsemmija kumpanija minn Mejju 2014. Jgħid li matul dawn il-proċeduri huwa assista lill-kumpanija tfittex għall-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-partijiet konċernati. Dwar l-email tad-9 t'April 2016 mibgħut minn Hoffner fil-23:01 u tal-10 t'April 2016 mibgħuta minn Olden fl-9:52 ix-xhud għamel din id-dikjarazzjoni:

"*I have personally conducted a detailed investigation together with the IT experts from Icloudius of which are Salesforce partners, and in accordance with the records of which is hereby being attached as Doc GP1, there is no evidence that the email that the plaintiff refers to, ever left Genesis' mail systems or Saleforce systems*."[14]

[14] Paġna 143 tal-proċess.

Xehed ukoll b'affidavit **Ohad Haiman**, impjegat ma iCloudius Ltd. ikkonferma li huwa ġabar il-korrispondenza kollha għas-sena 2016 mibgħuta minn u lil żewġ *email addresses* partikolari u ppreżentaw dawn f'CD.

Ikkunsidrat;

**Riassunt tal-Provi**.

L-attur nomine l-Av. Thomas Bugeja għan-nom tal-mandanti tiegħu l-attur Ingmar Hoppner qiegħed jitlob il-ħlas tas-somma ta' mija u għoxrin elf u tlett mitt ewro (€120,300) rappreżentati rebħ minn logħba fuq is-sit elettroniku www.casinocruise.com, liema sit f'Mejju 2016 kienet topera taħt il-liċenzja tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallas stante li l-attur kiser it-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw il-*bonuses* u l-logħob tal-*casino* virtwali offruti fuq l-imsemmi sit elettroniku.

L-attur Hoppner beda jilgħab fuq is-sit elettroniku fuq imsemmi fl-ewwel ftit xhur tas-sena 2016, meta wara ftit jiem ġie meqjus mis-soċjetà Casino Cruise bħala VIP in vista ta-ammonti ta' flus li kien jilgħab. Nonostante li kien meqjus VIP, xorta kienu jgħoddu għalih għadd ta' termini u kundizzjonijiet fosthom li l-*bonuses* kellhom ġugata[15] massima (*maximum stake*) ta' ħames Ewro (€5) għal kull logħba. B'din il-kundizzjoni l-attur ġie informat minn Emma Olden għan-nom tas-soċjetà Casino Cruise permezz ta' korrispondenza elettronika datata 7 t'April 2016 fejn qaltlu hekk:

> ***"Please be informed that the max bet limit is of 5 EUR when playing with a bonus."***

F'*email* mibgħuta fit-8 t'April 2016 Ingmar Hoppner staqsa x'kienet tfisser ir-regola ta' €5:

[15] "ġugata" tfisser flus jew valur ta' flus li huma mqiegħda jew li għandhom jitqiegħdu sabiex ġugatur jipparteċipa f'logħba, kemm jekk dawk il-flus huma taħt riskju direttament skont ir-riżultat tal-logħba kemm jekk le – Artikolu 2 tal-Att dwar il-Logħob, Kapitolu 583.

"*What does the 5 mean, i played 25€ and 50€ per Spin with it and it worked, or do you mean that the spin despite count just as a 5€ spin, so that i need to 200.000 times to make cash out of bonus (1.000x40=40.000 x 5€/spin or bet = 200.00 spins?)"*

Spjegazzjoni ingħatalu fl-istess ġurnata bil-lingwa Ġermaniża, lingwa li mill-atti jidher li Hoppner kien jaf sew u li kien jippreferi juża dik il-lingwa. Ix-xhud Yaniv Komemi ttraduċa dik l-ispjegazzjoni fil-lingwa Ingliża fl-affidavit tiegħu hekk:

**"*With the 5€ it means that you cannot bet more than 5 € with a bonus because otherwise if you win and bet theremore than 5 € then the whole win is deleted and only the sum of the deposit remains in the account.*"**[16]

U l-email għaddiet sabiex tindika s-sit elettroniku minn fejn Hoppner seta' jaqra il-kundizzjonijiet tal-*bonus*.

Hoppner għal darb'oħra fit-8 t'April 2016 aktar tard mal-ġurnata staqsa permezz ta' *email* jekk kienx qiegħed jifhem sew li "*i have to bet it 50.000 times with 5€?"*

Fid-9 t'April 2016, fis-siegħat bikrin ta' filgħodu Hoppner għal darb'oħra bagħat *email* lil Emma Olden jilmenta bil-limitu ta' €5 li kien hemm fuq l-bonus:

"*In the support line i heard that the 15% cashback bonus is only until 2000 EUR max. Is that true? Because i lost over 20.000EUR so i expected minimum 3000*

*also this 5EUR - guideline is bad, because i am a highroller, i am not interested in 5 EUR bets and if i have to bet that 40times (so 120.000EUR)*

[16] Paġna 114 tal-proċess.

*with just 5EUR per Spin (means 24.000 spins !!!) in 2 weeks ? Thats almost impossible to manage...lol.*

*[...]*

*But the "terms and conditions" which in fact nobody reads are not very highroller-friendly.*"

Fid-9 t'April 2016 Casino Cruise informatu bis-segwenti:

"[...] *I am happy to inform you that I will be happy to offer you a real money cash back (no wager - no max bet limit). I will let you know tomorrow up to how much the cash back will be. Please let me know if you are interested.I will make sure to get back to you tomorrow regarding the maximum allowed cash back.* [...]"

Hoppner immedjatament irrisponda li kien interessat. Rigward il-massimu ta' *cash back*, Emma Olden informat lil Hoppner tard fil-ġurnata li

"*I have changed your cash back offer to a no wager cash back as discussed. The 15% weekly cash back is added every Monday if you had real money losses greater than 500 EUR during the previous week.* [...]"

Skont is-soċjetà konvenuta minn dan il-punt 'il quddiem, id-diskors kien sempliċiment fuq ir-rigal li kellu jintbagħat.

Però l-attur jgħid li fid-9 t'April 2016 fil-11 ta' filgħaxija huwa bagħat email lil Casino Cruise jitlob is-segwenti:

"*Thats cool, but the bonus which you give me after deposit or when i am broke should be limitless. This 5/€ spin rule is senseless a sit is impossible*

*to make 40.000 spins with 5 €: it would take me 3 weeks 24 hours a day. Please change that. I am a highroller.*"[17]

Dan l-*email* ġie ppreżentat mill-attur mar-rikors ġuramentat. Mal-istess att, l-attur ippreżenta *email* oħra datata 10 t'April 2016 allegatament mibgħuta minn Emma Olden ftit qabel it-8 ta' filgħodu – f'*email address* differenti li minnu Hoppner kien bagħat l-email fuq imsemmija – fejn biha allegatament ġie informat li:

**"*As you are a valued player i am happy to inform you that all deposit or free bonusses which we give you are not limited with our 5 EUR max betting, you just have to wager the amount 40 times without any limitation.*"**

Il-qofol tal-mertu tal-kawża hu jekk dawn l-aħħar żewġ emails humiex awtentiċi, kif jallega l-attur; jew foloz, kif tallega s-soċjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

In materja ta' dritt probatorju n-norma stabbilita bl-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** hi li "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"*onus probandi*" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*". In oltre din il-prova trid tkun l-aħjar waħda fiċ-ċirkostanzi biex tissostanzja l-allegazzjoni.

L-oneru tal-prova jgħodd kemm fil-każ tal-attur kif ukoll għall-konvenut.

[17] Paġna 8 tal-proċess.

Fis-sentenza **Kenneth Cassar vs. Samy El Saghir pro et noe** (App Ċiv 426/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-23 ta' Novembru 2005 ingħad li

> "Huwa indubitat illi min irid jivvalora dritt li jippretendi li ghandu jehtieglu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-fondament ta' dak l-istess dritt. Dan fis-sens illi jinkombi bi dmir fuq il-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt. Skond id-dritt probatorju, il-karattru favorevoli tal-fatti allegati huwa kriterju ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi. Dan kemm jekk il-fatti jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat ("*actori incumbit probatio*") u sija jekk il-fatti jingiebu a bazi ta' l-eccezzjoni tal-konvenut biex jikkontrastaw l-pretiza ta' l-attur ("*reus in excipiendo fit actor*"). Huma dawn ir-regoli legali ta' gudizzju li jikkonsentu lill-gudikant japproda ghal decizjoni fil-meritu;

Fil-każ odjern ifisser li l-attur kien jeħtieġlu jipprova b'mod sodisfaċenti illi s-soċjetà konvenuta kienet irrevokat il-limitu ta' €5 fuq il-bonus. Sakemm ma l-attur iressaq provi sodisfaċenti dwar l-awtentiċita' taż-żewġ emails in kwistjoni, mhux mistenni mis-soċjeta' konvenuta li tressaq provi sabiex tirribatti dak allegat fil-konfront tagħha bil-prova dokumentarja imsemmija mressqa mill-attur. Pero' una volta l-attur iressaq provi sodisfaċenti dwar l-awtentiċita' , jaqa' fuq is-soċjeta' konvenuta li tressaq provi li jinnewtralizzaw il-prova mressqa mill-attur,

Kif mitlub mil-liġi tal-proċedura, mhux kull prova hija tajba sabiex tilħaq il-grad tal-prova meħtieġ. Qatt ma hu biżżejjed jiġi emfasizzat illi fl-ambitu ta' proċess ġudizzjarju hija l-aħjar prova li għandha titressaq u xejn anqas.

Kif intqal fis-sentenza **Mario Galea vs. Joseph Buhagiar** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Mejju 2004:

> "Premessi dawn il-provi, din il-Qorti tibda biex tippuntwalizza, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi skond il-principju maghruf ta' l-oneru tal-provi l-attur hu obbligat li jiddemostra l-fatt kostituttiv tad-dritt pretiz minnu. [...]

Dan l-obbligu normattiv tad-dritt procedurali (Artikolu 562, Kapitolu 12) huwa hekk vitali in kwantu jispetta lill-attur li jgib provi tal-fatt allegat u b' hekk jsostni l-bazi tat-talba tieghu. Il-kwalifikazzjoni stess tad-deduzzjoni probatorja qua oggett ta' oneru necessarjament, u guridikament, taghmel dawn il-provi impellanti fuq l-attur li hu gravat b'dan l-oneru. Jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, u l-fatt allegat jibqa' fi stat ta' incertezza jew ta' dubbju, dan id-dizimpenn fl-attur jittraduci ruhu fi zvantagg ghalih. Dan ghaliex huwa l-attur li hu mghobbi bil-piz li joffri c-certezza tal-fatt u jekk allura hu jonqos milli jiskarika dan il-piz jigi li hu ma pprovax adegwatament u sodisfacentement il-legittimita` u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu;"

Issir ukoll referenza għas-sentenza **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), fit-12 ta' April 2007:

i) "Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-prova timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn kontendenti sija fuq fattur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probation*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) (**Vol.XLVI.i.5**).
ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra ghax kif jinghad, jista' jkun gie stabbilit fatt li juri li *prima facie* t-tezi tal-attur hija sostenuta - (Ara **Vol. XXXVII.i.577**).
iii) Il-gudikant adit mill-mertu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probate*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet, jigifieri minn dawn ic-cirkostanzi ta' fatti dedotti abbazi tad-domanda jew ta' inverzjoni tal-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-prova ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timpani fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;
iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu

minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. (ara wkoll **Dr. Ian Vella Galea noe. vs Alistair Tulloch Robert Clifford**, P.A. (JZM) deciza fis-26 ta' Mejju 2016)."

Hekk ukoll fil-każ **Martin Cassano vs. Alessandro Cassano** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Lulju 2016,:

"Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, u meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet." (Ara wkoll **Zammit vs Petrococchino** Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) deciza fil-25 ta' Frar 1952, u **Vassallo vs Pace**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986."

Il-Qorti tibda billi tqis jekk l-attur irnexxilux iressaq biżżejjed provi għall-konvinċiment morali tal-Qorti li l-korrispondenza ewlenija li fuqha qed tistrieħ l-azzjoni attriċi hija waħda awtentika.

Jiġi osservat illi l-unika prova li l-attur ressaq kienet kopja tal-korrispondenza elettronika, kemm fil-forma dokumentarja kif ukoll b'mod diġitali u affidavit tiegħu stess.

Il-fatt waħdu li tressaq biss affidavit tal-attur ma jfissirx li awtomatikament għandha tiġi miċħuda t-talba tal-attur għax ma ġietx korroborata b'xhieda oħra.

Filwaqt li fil-kamp kriminali l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha oltre d-dubju dettat mir-raġuni; fil-kamp ċivili l-attur irid jipprova l-każ tiegħu fuq bilanċ ta' probabiltajiet.

Fil-kawża **Carmelo Camilleri vs. Gejtu Cassar** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-1 ta' Diċembru 1955 ingħad:

> "Mal-premess, din il-Qorti izzid tghid **ukoll** li l-onus tal-prova huwa divers fil-kamp penali minn dak fil-kamp civili fis-sens li filwaqt li fil-kamp penali jispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre d-dubbju dettat mir-raguni, fejn allura l-akkuzat ghandu jigi liberat minn dawk l-akkuzi jekk ikun jissussisti dubbju dettat mir-raguni, fil-kamp civili, l-onus tal-prova, ghalkemm jibqa` jinkombi fuq min jallega u cioe` tal-attur, jitkejjel fuq il-bilanc ta` probabilitajiet."

Rigwardanti l-ħtieġa li tinġieb prova ta' dak allegat mill-konvenuta għandha ssir referenza għal dak li ntqal fil-każ **Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et** deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Settembru 2013:

> "Illi l-Qorti tqis li ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili mhuwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici suppozizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju."

Kompla jingħad:

> "Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara App. Inf. – JSP – 12 ta' Jannar 2001**,** **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**)."

Fil-każ odjern il-fulkru tal-prova huwa l-aħħar email li allegatament intbagħat fid-9 t'April 2016 u l-ewwel email tal-ġuranta tal-10 t'April 2016.

Din il-Qorti tagħraf li l-ebda waħda minn dawn l-*emails,* li ġiet ippreżentata fuq karta waħda, ma ġew awtentikati. Għalkemm il-Kodiċi Proċedurali ta' Malta ma jagħmlu l-ebda referenza speċifika għall-korrispondenza elettronika

mressqa bħala prova b'mod diġitali jew dokumentarja, ma jfissirx li għandhom jonqsu milli japplikaw il-prinċipji ġenerali tal-provi.

Jekk prova ta' korrispondenza elettronika jew informazzjoni elettronika oħra sejra titressaq b'mod diġitali (fuq *CD, pendrive, SD card,* etc), il-parti li qiegħda tippreżentahom jeħtieġ li tagħti serħan il-moħħ li dik il-prova hija awtentika. Mhux l-oneru tas-soċjeta' attriċi li tipprova li dawk l-emails ma humiex awtentiċi ħlief jekk l-attur jirnexxielu jressaq l-aħjar prova tal-awtentitċita' tagħhom.

**Artikolu 636 (2) tal-Kapitolu 12** jipprovdi li "kopji jitqiesu awtentiċi, meta huma magħmula fil-forma li trid il-liġi mill-uffiċjal li jkun irċieva jew li jkun merfugħ għandu l-oriġinali, jew mill-persuna awtorizzata legalment għaldaqshekk."

Isegwi illi kull dokument, mhux fil-forma oriġinali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti, altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta' l-aħjar prova. Għalhekk dawk il-korrispondenzi elettroniċi, b'mod partikulari dawk iż-żewġ emails pertinenti għal dan il-każ, ma jistgħux jingħataw piż probatorju stante li m'humiex l-aħjar prova.

Il-prova l-oħra li nġabet mill-attur imbagħad hija *CD* bi tlett dokumenti.L-għan wara din il-prova diġitali kienet sabiex din il-Qorti tara b'għajnejha fil-forma diġitali tagħhom il-korrispondenza kollha li intbagħtet bejn Hoppner u Casino Cruise. Il-konvenut ukoll ippreżenta żewġ CDs li fihom dokumenti konsistenti fi *spreadsheets* li juru l-*emails* kollha li ġew mibgħuta.

Il-Qorti eżaminat dawn id-dokumenti li ġew ppreżentati fil-forma diġitali mill-partijiet però din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tiżgura l-awtentiċita ta' dawk id-dokumenti, b'mod partikolari l-awtentiċita ta' Dok IH 15A li jinsab fis-CD ippreżentat mill-attur. Din hija kopja tal-korrispondenza elettronika fil-forma diġitali tagħha, liema korrispondenza tinfetaħ bi programmi li bih wieħed ikun jista' jaqra *email,* fil-każ tal-Qorti l-'Outlook'.

Waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018 il-partijiet qablu "dwar il-ħtieġa li jiġi nominat espert ġudizzjarju għall-finijiet sabiex tiġi verifikata l-email, kopja ta' liema tinsab a fol. 8 tal-proċess."[18]

B'nota konġunta tas-27 ta' Diċembru 2018 il-partijiet qablu li l-espert li għandu jiġi nominat "għandu jkun rappreżentant tad-ditta 'Salesforce' illi għalissa l-isem speċifiku ta' dan ir-rappreżentant għadu sfortunatament mhux magħruf. Il-partijiet esponenti qiegħdin jistennew sabiex jirċievu d-dettalji tar-rappreżentant tad-ditta 'Salesforce' għall-iskop hawn fuq imsemmi fil-jiem li ġejjin mid-dipartiment legali tad-ditta Salesforce."[19]

Għaddew ix-xhur l-ebda parti ma segwit dak dikjarat fin-nota konġunta tas-27 ta' Diċembru 2018.

Jirriżulta li ħadd mill-partijiet ma segwa t-talba għal ħatra ta' espert ġudizzjarju sabiex jirrelata dwar l-awtentiċita' o meno taż-żewġ "emails" in kwistjoni; tant li t-tnejn għalqu l-provi tagħhom mingħajr riżerva għan-nomina tal-espert ġudizzjarju.

Kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-attur informa lill-Qorti li l-partijiet ma rnexxielhomx jinkarigaw lil rappreżentant tas-soċjetà Salesforce – il-kumpanija li kienet tipprovdi s-sistemi ta' *Customer Relationship Management* lis-soċjetà Everymatrix Ltd u Gensis Global – minħabba li ma kienx hemm kooperazzjoni min-naħa ta' Salesforce.

Jekk l-attur verament ried li jinħatar espert ġudizzjarju sabiex jirrelata dwar l-awtentiċita' taż-żewġ emails u li l-korrispondenza elettronika kienet waħda awtentika, kien jispetta lil-attur li jinvoka l-**Artikolu 644 tal-Kapitolu 12** u jitlob in-nomina ta' espert fil-materja. Ħadd mill-partijiet ma ddikjara illi f'Maltra m'hawn l-ebda espert fuq il-materja.

[18] Paġna 71 tal-proċess.
[19] Paġna 72 tal-proċess.

Issir referenza għall-**Artikolu 646 tal-Kapitolu 12**. L-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 646 jipprovdi li "meta l-partijiet jiftehmu li jipproponu l-isem ta' perit, il-qorti taħtar il-perit li fuqu jkunu ftehmu l-partijiet".

Fejn il-partijiet jiftehmu li jipproponu l-isem ta' perit, kif fil-fatt ġara fil-każ odjern, din il-Qorti kellha taħtar lil dak l-espert u ma setgħetx minn jeddha tinnomina espert tekniku ieħor.[20] Bla dubju ta' xejn il-ħatra ta' espert ġudizzjarju kien jgħin lill-Qorti tistabbilixxi l-awtentiċita o meno tad-dokumenti relevanti.

Inoltre, kull parti kellha l-fakolta' li tressaq espert *ex parte* ai termini tal-**Artikolu 563A tal-Kapitolu 12**.

Kif ġie spjegat fis-sentenza **Dionisio sive Dennis Arnold et vs. Raymond Chetcuti et** mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awl fit-3 t'Ottubru 2019:-

> "Il-konsulenzi tekniċi ex-parte ma jikkostitwux strettament mezzi ta' provi daqskemm ta' allegazzjonijiet difensivi ta' karattru tekniku li jistgħu, għaldaqstant, jigu konfutati jew accettati. Naturalment, anke jekk mhux neċessarjament jikkostitwixxu prova tal-fatti allegati, l-opinjonijiet magħmula minn dawk il-konsulenti jikkostitwixxu ċertament indizji li jiġġustifikaw approfondiment istruttorju mit-Tribunal adit skond is-soliti principji tal-valutazzjoni tal-provi u tal-konvinċiment liberu tal-Qorti. Naturalment, ukoll, il-Qorti tibqa' ħielsa li tikkondividi l-opinjoni teknika ta' parti waħda fuq dik tal-kontro-parti basta li tipprovdi raġunijiet adegwati għal dik l-preferenza, u bbażata, s'intendi, fuq il-kriterji tekniċi tal-materja kkontestata [C. Testa & Co. Ltd vs Grace Pavia 12.02.2010 Qorti tal-Appell – Imh. Philip Sciberras]"

Fin-nuqqas ta' prova teknika ex parte, u fin-nuqqas ta' perizja teknika, l-attur naqas serjament b'mod fatali fl-azzjoni minnu promossa.

[20] Ara **Carmelo sive Charles Galea vs. Albert Mizzi et** (App Ċiv 964/1988) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-23 t'April 2001.

Una volta kien l-oneru ta' l-attur li jressaq l-aħjar prova, u ma ressaqiex, ma jistax jingħad li ntlaħaq il-livell ta' probabbilita kif rikjest fil-kamp ċivili.

L-aċċertament tal-fatti u l-valutazzjoni tal-istess huma bbażati fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Ingħad li "l-ġudikant għandu poter diskrezzjonali ampju li mir-riżultanzi probatorju huwa jqis dawk il-provi li, għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu, iqis l-aktar attendibbli u idoneju."[21] Mill-analiżi tal-provi, din il-Qorti ma ssibx fuq bilanċ ta' probabilita illi l-attur irnexxilu jġib provi solidi u sodisfaċenti għall-konvinċiment ta' din il-Qorti.

Fid-dawl ta' dan in-nuqqas da parti tal-attur li jressaq l-aħjar prova dwar l-awtentiċita' taż-żewġ allegati emails kontestata mis-soċjeta' konvenuta, l-Qorti hija kostretta li tiċħad it-talbiet attriċi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta' konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż,

1. Tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 t'Ottubru 2021

---

[21] **John Abdilla et vs. Water Services Corporation** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-14 ta' Diċembru 2006. Ara wkoll **Enrico Camilleri vs. Martin Borg** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003.

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**